Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Numru. 378/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**VS**
**RICHARD BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Richard Borg ta' 41 sena, bin Carmelo u Antonia nee' Guzman, mwieled Pieta' 3 ta' Awwissu 1970, residenti 102, Flat 11, Triq San Duminku, Valletta u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 351170M ;

Talli;

1) Gewwa Ta' Xbiex, nhar it- 13 ta' Marzu 2010, ikkommetta serq ta' laptop computer valur ta' €2,100 minn gewwa l- ufficini tal- kumpanija Palmali Shipmanagment

Ltd., sitwati gewwa Villa Aurora, Triq il- Principessa Elizabetta, TA’ Xbiex, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil- valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37;

2) fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri €116.47 izda anqas minn €1,164.69 u dan sar ghad-detriment tad- dirigenti tal- imsemmija kumpanija u/ jew persuni ohra;

3) fl- ahharnett akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49,50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenzi moghtija lilu mill- Qorti tal- Appell datata 12 ta’ Gunju 2008 u mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D datata 3 ta’ April 2008, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati w ghaldaqstant tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation

ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Aritkolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------